MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1798/2001/1

**Bromford Iron & Steel Co (Med) Ltd.**
**Vs.**
**Rainbow Mix Concrete Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi, is-socjeta' attrici bieghet u kkonsnejat merkanzija lis-socjeta' konvenuta;

Peress illi fuq dan il-bejgh fadal bilanc pendenti dovut lis-socjeta attrici ta' hamest elef disa' mija u sebgha u sittin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (LM5967.24) li s-socjeta konvenuta ghdha ma hallsitx;

Peress illi, ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Peress illi, dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa u fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Tghid is-socjeta konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' LM5967.24;
2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjli, datata 10 ta' Settembru 2001, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dina ic-citazzjoni kontra s-socjeta konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-atti;

Rat li fil-mori tal-kawza saru pagamenti akkont tal-ammont pretiz;

Rat in-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Ottubru 2003, permezz ta' liema l-ammont pretiz gie ridott ghal tlett elef erba' mija sebgha u sittin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,467.24) (Fol. 20);

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' April 2004 il-kawza thalliet ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jidhru li t-talba attrici hija gustifikata limitatament bhas-somma ta' Lm3,467.24.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi illi tilqa’ t-talba attrici ghas-somma ta’ tlett elef erba’ mija sebgha u sittin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,467.24) u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici dan l-ammont, flimkien mal-imghax legali kif mitlub. Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------